MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2009

Numru 340/2005

**Il-Pulizija**
**Sp Maurice Curmi**
**Sp Josric Mifsud**
**vs**
**Gilmore Cachia**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Gilmore Cachia ta# 19-il sena iben Martin u Therese nee' Carabott mwieled Pieta fit-3 ta' Novembru 1985 u residenti 'Martina' Triq l-Imhallef W Harding Pembroke, ID 38386 M.**

**Akkuzat talli fit-13 ta' Marzu 2005 fil-Floriana ffalsifika jew biddel minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija jew manifattura, jew xjentement**

**ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe numru ta' CDs, DVDs u hwejjeg ohra foloz.**

**Ukoll talli fl-istess cirkostanzi bi qliegh jew bi skop ta' kummerc stampa, mmanifattura, ddupplika jew mod iehor rripproduca jew kkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejggh jew biex jitqassam xi artikoli jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil jew that il-ligi ta' Malta.**

**Ukoll talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda fit-2 ta' April 2005 fil-Belt Valletta, ffalsifika jew biddel minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija, jew manifattura jew xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija, jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe numru ta' DVDs foloz.**

**Akkuzat ukoll talli sar ricediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie kkundannat ghal reati b'diversi sentenzi mill-Qrati tal-Magistrati li saru definittivi.**

**Akkuzat ukoll talli kiser il-kundizzjoni ta' Probation imposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fil-25 ta' Novembru 2004.**

**Rat l-atti kollha tal-process.**

**Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex ikun hemm separazzjoni tal-gudizzju stante li l-imputat l-iehor ma jistax jinstab. Din it-talba intlaqghet mill-Qorti.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrieh, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata hin bizzejjed biex jahsibha. Ghal hekk l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat gew kkonfermati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 23, 49, 50, 298B, 298 (1) (a) u 533 tal-Kap u l-Artikolu 7 tal-Kap 446 u l-Artikolu 23 ta' l-istess Kap u l-Artikolu 31 tal-Kap 441, ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh u qed tiddisponi mill-piena kif gej:**

**(a) Dwar l-ewwel u t-tielet imputazzjoni, il-Qorti qed tpoggi lill-imputat taht il-harsien ta' Probation Officer ghal sentejn millum**
**(b) Dwar l-imputazzjonijiet l-ohra kollha f'daqqa, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat, stante l-ammissjoni bikrija tieghu, u l-ammont zghir involut ta' DVDs ihallas multa ta' 800 Euro, liema multa tista tithallas b'rati ta' 100 Euro fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi zmien 4 gimghat millum. Jekk l-imputat jonqos li jhallas din il-multa din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull 11.65 Euro li ma jithallsux.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------